MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1515/2004

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sirap Ltd u l-istess Sirap Ltd.**

**vs**

**Felexia Tabone**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm641.90), prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita` opportuna, rapprezentanti danni minnhom sofferti u spejjez minnhom inkorsi bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta' Marzu, 2002, fl-Imsida, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FEL-123 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRT 555 proprjeta` ta' Sirap Ltd u**

**assigurata mal-kumpanija attrici, liema incident gara unikament tort tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta u ghal liema incident tahti unikament il-konvenuta.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali nterpellatorja u ta' dik prezentata kontestwalment a tenur tal-Kap.104 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-2 ta' Settembru, 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, u dana billi l-incident tat-traffiku li gara fis-16 ta' Marzu, 2002, gewwa l-Imsida bejn l-esponenti u Kurt Paris, is-sewwieq tal-vettura nru.KRT 555, assikurata mas-socjeta` attrici, gara unikament tort u htija ta' l-istess Kurt Paris, u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**
**Illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004, l-konvenuta eccepiet ulterjorament illi s-socjeta` attrici ma tistghax tirreklama danni fil-kawza odjerna billi l-konvenuta meta sehh l-incident kienet assigurata ma l-istess socjeta` attrici, liema socjeta` a tenur tal-polza rilaxxata minnha ghandha l-obbligu skond il-ligi li taghmel tajjeb ghad-danni subiti minn terzi.**

**Semgha x-xhieda ta' Kurt Paris, Mary Rose Paris, Edmond Zammit Laferla u Felexia Tabone. Ha in kunsiderazzjoni d-dokumenti esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mid-difensuri tal-partijiet. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fis-16 ta' Marzu, 2002 ghall-habta tal-11am fl-Imsida f'dik il-parti vicin tal-Ghassa tal-Pulizija. Il-vetturi involuti fil-kollizjoni kienu l-vettura bin-numru KRT-555 misjuqa minn Kurt Paris u l-vettura FEL-123 misjuqa mill-konvenuta.**

**2. It-Tribunal jibda biex jaghmel referenza ghall-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta fis-sens illi s-socjeta` attrici ma tistghax tirreklama danni fil-kawza odjerna billi l-konvenuta meta sehh l-incident kienet assigurata mal-istess socjeta` attrici, liema socjeta` a tenur tal-polza rilaxxata minnha ghandha l-obbligu skond il-ligi li taghmel tajjeb ghad-danni subiti minn terzi. It-Tribunal qed jichad dina l-eccezzjoni peress li guridikament ma taghmel ebda sens. Min ibati d-danni, ghandu kull dritt ta' azzjoni kontra min ikkagunalu dawk id-danni, indipendentment minn ma min jew kif kien assikurat.**

**3. Fit-tieni lok, jinghad li l-incident gara filwaqt illi l-vettura tal-konvenuta kienet gejja minn fuq ir-rampa mid-direzzjoni tal-Imsida biex tiehu d-direzzjoni ta' Tas-Sliema. Biex taghmel din il-manuvra mill-konvenuta necessarjament kienet ser taqsam diversi karregati tat-traffiku. Pero` hu risaput illi f'dik il-lokalita`, wara li wiehed ikun ghadda minn fuq ir-rampa, hemm vizwali cara, biex wiehed ikun jista' jaghmel din il-manuvra minghajr ma jkun ta' xkiel ghat-traffiku li jkun ghaddej fid-dritt.**

**4. Jirrizulta li l-attur kien fil-fatt ghaddej fid-dritt gej mid-direzzjoni tat-traffic lights, li jaghtu ghat-Triq Regjonali biex imur fid-direzzjoni tal-Imsida. L-attur kien waqaf hdejn id-dwal li hemm fejn hemm il-Labour Party Club qabel ma pproceda lejn l-Imsida. L-attur kien miexi fit-tielet karreggata, cioe` dik biswit ic-central strip. Skond l-attur il-konvenuta qabdet u harget mir-raba' karreggata u qasmet lejn Rue D'Argens. L-attur kellu vettura ohra fuq ix-xellug tieghu.**

**5. Jirrizulta li l-attur l-ewwel darba li ra lill-konvenuta kien meta din qasmet quddiemu.**

**6. Il-konvenuta da parti taghha tghid li meta waslet fit-tarf tar-rampa xeghlet l-indicator u bdiet hierga bil-mod, u kif kienet gja miksura semghet brake qawwi u l-attur laqatha fix-xewka ta' wara n-naha tal-lemin.**

**7. Id-danni fil-vettura tal-attur kienu fuq quddiem fil-ponta tax-xellug.**

**8. It-Tribunal ha nota tal-argumenti migjuba mill-abbli difensuri taz-zewg partijiet u specjalment ir-**

**referenza ghall-kawza fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Pedro Griscti (Avv. Nru.18/03DM deciza fis-7 ta' Lulju, 2004. It-Tribunal ma jistghax ma jinnutax li c-cirkostanzi kif sehh l-incident huma differenti minn dak citat. Fil-kaz odjern la l-attur u lanqas il-konvenuta ma cedew lill-xulxin, u ma jistghax jinghad li wiehed kien qed jipprecedi lill-iehor.**

**9. Ghalhekk fil-kaz prezenti t-Tribunal mhux tal-fehma li l-kollizzjoni kienet semplici "front to rear", izda l-kawza prossima tal-kollizjoni kien il-fatt li l-konvenut invadiet l-karreggata li minnha kien ghaddej l-attur, u f'ebda mument ma waqfet waqt li qed taghmel din il-manuvra.**

**10. Kif sew irrileva l-abbli difensur tal-attur, il-konvenuta kellha obbligu li tuza l-massima diligenza fil-manuvra li riedet taghmel, u mhux taqbad u tibqa hierga kif fil-fatt jirrizulta li ghamlet. Il-fatt li xeghlet l-indicator b'ebda mod ma jaghtiha d-dritt li taqbad u taqsam il-linja tat-traffiku bhal li kieku hi ghandha d-dritta. Kellha tuza kawtela kbira sabiex taccerta ruha ii b'din il-manuvra ma kienetx ser t'ostakola ebda traffiku iehor illi kien qieghed jipprocedi fuq ir-rotot fuq in-naha tax-xellug taghha.**

**11. Tenut kont ta' dan it-Tribunal iqies li ghall-incident in kwistjoni ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli l-konvenuta.**

**12. Bhala danni dawn jirrizultaw fl-ammont mitlub skond id-dokumenti esebiti Dok.EZL1 sa EZL5.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal isib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannha thallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm641.90), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------